MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## ABIGAIL LOFARO

Seduta tas-16 ta' Novembru, 2011

Rikors Numru. 220/2011

**A B**

vs

**C D**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors li permezz tieghu r-rikorrenti ippremettiet:

Illi l-partijiet izzewgu fit-tlieta u ghoxrin (23) ta’ Frar ta’ l-elf disa’ mija u erbgha u seghbin (1974) (Ara Dok A anness) u minn dan iz-zwieg huma kellhom tifel wiehed illum maggorenni;

Illi l-partijiet ilhom legalment separati b’kuntratt redatt minn Nutar Dottor Paul Pullicino mit-tnejn (2) ta’ Gunju ta’ l-elf disa’ mija u tmienja u tmenin (1988) (Ara Dok B anness);

Illi m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom *stante* illi minbarra li ilhom tlieta u ghoxrin sena mifrudin, illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin u sahansitra ffurmaw rabtiet ma' persuni ohrajn / familji godda;

Illi m'hemm l-ebda manteniment dovut f'dan l-istadju *stante* li t-tifel huwa llum maggorenni u 'l fuq minn tlieta u ghoxrin sena u l-partijiet kienu iddekadew mid-dritt tal-manteniment (Ara Dok B, Klawsola 5);

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talbet li l-intimat ighid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejnet il-partijiet;
2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bill-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat id-digriet taghha precedenti;

Semghet ix-xiehda tal-partijiet;

Rat id-dokumenti illi gew esebiti u l-atti kollha;

Rat l-Artikoli 66 A, 66 B, 66 c  tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat illi l-kundizzjonijiet mehtiega ghad-divorzju gew sodisfatti; peress illi l-partijiet ilhom legalment separati permezz ta' kuntratt redatt minn Nutar Dottor Paul Pullicino fit-2 ta' Gunju, 1988, b'dan illi ma hemm l-ebda manteniment dovut stante li iben il-partijiet illum huwa maggorenni u ghandu aktar minn tlieta u ghoxrin sena u il-partijiet kieni idekkadew mid-dritt tal-manteniment;

Rat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni skond kif xehdu l-istess partijiet;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talba, tippronunzja id-divorzju bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez ikunu bla taxxa bejn il-partijiet;

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------